

**Rikors ippreżentat fit-30 ta' Awwissu 2017 – BEI vs Is-Sirja****(Kawża T-591/17)**

(2017/C 369/48)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

*Rikorrent:* Bank Ewropew tal-Investiment (rappreżentanti: P. Chamberlain, T. Gilliams, J. Shirran u F. de Borja Oxangoiti Briones aġenti, D. Arts, avukat u T. Cusworth, solicitor)

*Konvenuta:* Ir-Repubblika Għarbija Sirjana

**Talbiet tar-Rikorrent**

- għall-ħlas tas-somom kollha dovuti lilu skont l-Artikoli 3.01, 3.02, 4.01, 9.01 u 9.02 tal-Water Supply Deir Eż Zor Region Loan Agreement li jinkludu:
  - EUR 404 425,58, l-ammont dovut lilu fil-25 ta' Awwissu 2017, li huwa kollu kapital, interessi u interessi moratorji kuntrattwali (dovuti mid-data dovuta sal-25 ta' Awwissu 2017);
  - interessi moratorji kuntrattwali ulterjuri, dovuti bir-rata annwali ta' 3,5 % (350 punti bażi), sal-pagament effettiv;
  - it-taxxi kollha applikabbli, dazji, drittijiet u drittijiet professjonali dovuti mid-data dovuta sal-pagament effettiv, inklużi l-ispejjeż relatati ma' din il-proċedura.
- Fi kwalunkwe każ, għall-ħlas tal-ammont dovut lilu għall-pagamenti li jkunu dovuti wara d-data ta' dan ir-rikors u li s-Sirja tonqos milli tħallashom, li jinkludu:
  - il-kapital kollu u l-interessi għal kull pagament;
  - interessi moratorji kuntrattwali, dovuti bir-rata annwali ta' 3,5 % (350 punti bażiċi), mid-data dovuta ta' kull pagament sal-pagament effettiv magħmul mis-Sirja.
- Għall-ħlas tal-ispejjeż kollha relatati ma' din l-istanza skont l-Artikolu 134(1) tar-Regoli ta' Proċedura.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tiegħu, ir-rikorrent jinvoka motiv wieħed.

L-ewwel u l-uniku motiv ibbażat fuq li s-Sirja kisret l-obbligi kuntrattwali tagħha skont l-Artikoli 3.01 u 4.01 tal-Water Supply Deir Eż Zor Region Loan Agreement sabiex tħallas il-pagamenti skont il-Water Supply Deir Eż Zor Region Loan Agreement kif dovuti, u skont l-Artikolu 3.02 tal-Water Supply Deir Eż Zor Region Loan Agreement li tħallas l-interessi moratorji fuq kull pagament dovut u mhux imħallas, dovuti bir-rata annwali msemija. Konsegwentement, is-Sirja hija kuntrattwalment obligata li tħallas l-ammonti kollha dovuti skont l-Artikoli 3.01, 3.02, 4.01, 9.01 u 9.02 tal-Water Supply Deir Eż Zor Region Loan Agreement.

**Rikors ippreżentat fil-5 ta' Settembru 2017 – Thun vs EUIPO (Figorin ta' ħuta)****(Kawża T-604/17)**

(2017/C 369/49)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Thun SpA (Bolzano, l-Italja) (rappreżentant: B. Giordano, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

### **Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO**

*Disinn kontenzjuż ikkonċernat*: disinn Komunitarju – (Figorin ta' ħuta) – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 336 805-0059

*Deċiżjoni kkontestata*: deċiżjoni tat-Tielet Bord tal-Appell tal-EUIPO tad-9 ta' Ġunju 2017 fil-Każ R 1680/2016-3

### **Talbiet**

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata;
- tilqa' t-talba ta' *restitutio in integrum*;
- tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż.

### **Motiv invokat**

- Ksur tal-Artikolu 67 tar-Regolament Nru 6/2002 dwar id-disinji Komunitarji.

---

## **Rikors ippreżentat fis-6 ta' Settembru 2017 – Grupu Bimbo vs EUIPO – DF World of Spices (TAKIS FUEGO)**

**(Kawża T-608/17)**

(2017/C 369/50)

Lingwa tar-rikors: l-Ingliż

### **Partijiet**

*Rikorrenti*: Grupu Bimbo, SAB de CV (il-Belt tal-Messiku, il-Messiku) (rappreżentant: N. Fernández Fernández-Pacheco, avukat)

*Konvenut*: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell*: DF World of Spices GmbH (Dissen, il-ġermanja)

### **Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO**

*Applikant għat-trade mark kontenzjuża*: ir-rikorrent fil-proċedura quddiem il-Bord tal-Appell

*Trade mark kontenzjuża kkonċernata*: trade mark verbali tal-Unjoni "TAKIS FUEGO" – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 11 841 087

*Proċedimenti quddiem l-EUIPO*: proċedimenti ta' oppożizzjoni

*Deċiżjoni kkontestata*: deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-4 ta' Lulju 2017 fil-Każ R 2300/2016-4

### **Talbiet**

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata;
- tikkundanna lill-intervenjenti għall-ispejjeż.

### **Motiv invokat**

- Ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009.
-